2025/510

17.3.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/510

tas-17 ta' Marzu 2025

li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK tal-20 ta' Diċembru 2010 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-20 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK.

(2) Fit-12 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/2231 ([2]) b'reazzjoni għat-tfixkil tal-proċess elettorali u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem marbut miegħu fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK). Id-Deċiżjoni (PESK) 2016/2231 emendat id-Deċiżjoni 2010/788/PESK u introduċiet miżuri restrittivi addizzjonali.

(3) Fil-25 ta' Jannar 2025, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għamel dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni li tesprimi t-tħassib serju tagħha dwar l-aktar eskalazzjoni reċenti tal-kunflitt fil-Lvant tar-RDK, kif aggravata mill-offensiva mġedda tal-grupp armat M23 appoġġat mill-Forza tad-Difiża tar-Rwanda (RDF).

(4) Il-preżenza mhux awtorizzata tal-RDF fir-RDK tikkostitwixxi ksur tal-integrità territorjali ta' dak il-pajjiż u ssostni l-kunflitt armat, l-instabbiltà u l-insigurtà fir-reġjun.

(5) Id-dħul mill-estrazzjoni illegali u t-traffikar ta' riżorsi naturali mil-Lvant tar-RDK qed jintużaw biex jiffinanzjaw, *inter alia*, il-grupp armat M23 u l-operazzjonijiet tiegħu, u b'hekk qed jikkontribwixxi għall-eskalazzjoni tal-kunflitt.

(6) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fir-RDK, jenħtieġ li jiżdiedu disa' persuni u entità waħda mal-lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK.

(7) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2010/788/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS

([1]) ĠU L 336, 21.12.2010, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2010/788/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2231 tat-12 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU L 336 I, 12.12.2016, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2016/2231/oj).

ANNESS

L-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) il-persuni li ġejjin jiżdiedu mat-Taqsima A (“Persuni”):

	Isem	Informazzjoni ta’ identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
“36.	Bertrand BISIMWA	Funzjoni/grad: Mexxej (President) tal-fergħa politika tal-‘Moviment tat-23 ta’ Marzu’ (M23) Data tat-twelid: 8.9.1972 Post tat-twelid: Bukavu, Democratic Republic of the Congo Nazzjonalità: Kongoliża Sess: raġel	Bertrand Bisimwa għandu pożizzjoni ewlenija bħala President tal-Moviment tat-23 ta’ Marzu (M23), moviment armat mhux governattiv. L-M23 isostni l-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta’ sigurtà fir-RDK, b’mod partikolari permezz tal-inċitament tal-vjolenza. Barra minn hekk, huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż qtil ta’ ċivili u attakki u vjolenza sesswali kontrihom, kif ukoll għar-reklutaġġ ta’ tfal. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fl-M23, Bertrand Bisimwa huwa involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta’ atti li jikkostitwixxu ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Huwa responsabbli wkoll għas-sostenn tal-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta’ sigurtà fir-RDK.	17.3.2025
37.	Ruki KARUSISI	magħruf ukoll bħala Rocky Funzjoni/grad: Maġġur Ġeneral Kmandant tal-Kmand tal-Forza Speċjali tal-Forza tad-Difiża tar-Rwanda (RDF) Data tat-twelid: 6.5.1974 Sess: raġel Nazzjonalità: Rwandiża Numru tas-servizz RDF: 2357	Il-Maġġur Ġeneral Ruki Karusisi huwa l-kmandant tal-Forzi Speċjali tal-Forza tad-Difiża tar-Rwanda (RDF), skjerata fil-Lvant tar-RDK. Il-preżenza tal-RDF fir-RDK għandha bħala l-għan tagħha li ssaħħaħ l-operazzjonijiet tal-Moviment tat-23 ta’ Marzu/l-Armata Rivoluzzjonarja Kongoliża (M23/ARC), grupp armat mhux governattiv li jopera fil-Lvant tar-RDK billi jipprovdi truppi u materjal. Il-preżenza tal-RDF tikkostitwixxi ksur tal-integrità territorjali tar-RDK u ssostni l-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta’ sigurtà fir-reġjun. Hija responsabbli wkoll għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż kastig kollettiv, u ssostni abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-membri tal-M23. Minħabba r-rwol ta’ kmand tiegħu fil-Kmand tal-Forza Speċjali tal-RDF skjerata fil-Lvant tar-RDK, Ruki Karusisi huwa responsabbli li jsostni l-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta’ sigurtà fir-reġjun. Huwa responsabbli wkoll li jipprovdi appoġġ għal entitajiet li jsostnu l-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta’ sigurtà fir-RDK.	17.3.2025

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
38.	Désiré RUKOMERA	Funzjoni/grad: Kap tar-reklutaġġ u l-propaganda tal-Moviment tat-23 ta' Marzu (M23) Sess: raġel Nazzjonalità: Rwandiża	Désiré Rukomera għandu pożizzjoni ewlenija bħala kap tar-reklutaġġ u l-propaganda tal-Moviment tat-23 ta' Marzu (M23), moviment armat mhux governattiv, sa minn Jannar 2024. L-M23 isostni l-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK, b'mod partikolari permezz tal-inċitament tal-vjolenza. Barra minn hekk, huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż qtil ta' ċivili u attakki u vjolenza sesswali kontrihom, kif ukoll għar-reklutaġġ ta' tfal. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fl-M23, Désiré Rukomera huwa involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuży serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Huwa responsabbli wkoll għas-sostenn tal-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK.	17.3.2025
39.	John Imani NZENZE	magħruf ukoll bħala Mike Bravo Funzjoni/grad: 'Kurunell' u kap tal-intelligence 'G2' tal-grupp armat M23 (M23). Data tat-twelid: 6.8.1978 Post tat-twelid: Kakwende (South Kivu) Sess: raġel Nazzjonalità: Kongoliża	John Imani Nzenze għandu pożizzjoni ewlenija bħala Kurunell tal-Moviment tat-23 ta' Marzu (M23), moviment armat mhux governattiv. L-M23 isostni l-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK, b'mod partikolari permezz tal-inċitament tal-vjolenza. Barra minn hekk, huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż qtil ta' ċivili u attakki u vjolenza sesswali kontrihom, kif ukoll għar-reklutaġġ ta' tfal. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fl-M23, John Imani Nzenze huwa involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuży serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Huwa responsabbli wkoll għas-sostenn tal-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK.	17.3.2025

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
40.	Eugene NKUBITO	Funzjoni/grad: Kmandant It-3 diviżjoni (Maġġur Ġeneral) tal-Forza tad-Difiża tar-Rwanda (RDF) Sess: raġel Nazzjonalità: Rwandiża Numru tas-servizz RDF: 218	Il-Maġġur Ġeneral Eugène Nkubito għandu pożizzjoni ewlenija bħala Kmandant tat-Tielet Diviżjoni tal-Forza Speċjali tad-Difiża tar-Rwanda (RDF), skjerata fil-Lvant tar-RDK u b'mod aktar speċifiku fil-provinċja ta' North Kivu. Ilu f'din il-pożizzjoni minn Awwissu 2022. Il-preżenza tal-RDF fir-RDK RDK għandha bħala l-għan tagħha li ssaħħaħ l-operazzjonijiet tal-Moviment 23 ta' Marzu/l-Armata Rivoluzzjonarja Kongoliża (M23/ARC), grupp armat mhux governattiv li jopera fil-Kongo tal-Lvant billi jipprovdi truppi u materjal. Il-preżenza tal-RDF tikkostitwixxi ksur tal-integrità territorjali tar-RDK u ssostni l-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-reġjun. Hija responsabbli wkoll għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż kastig kollettiv, u ssostni abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-membri ta' M23. Minħabba r-rwol ta' kmand tiegħu fit-Tielet Diviżjoni tal-Forza tal-RDF skjerata fil-Lvant tar-RDK, Eugène Nkubito huwa responsabbli li jsostni l-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-reġjun.	17.3.2025
41.	Pascal MUHIZI	Funzjoni/grad: Kmandant tat-2 Diviżjoni (Brigadier) tal-Forza tad-Difiża tar-Rwanda (RDF) Nazzjonalità: Rwandiża Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Forza tad-Difiża tar-Rwanda (RDF); Moviment tat-23 ta' Marzu/Armata Rivoluzzjonarja Kongoliża (M23/ARC) Numru tas-servizz RDF: 451	Pascal Muhizi ilu Brigadier tal-Forza tad-Difiża tar-Rwanda (RDF) minn Ġunju 2021 u huwa l-Kmandant tat-Tieni Diviżjoni tal-RDF, skjerata fil-Lvant tar-RDK minn Awwissu 2023. Il-preżenza tal-RDF tikkostitwixxi ksur tal-integrità territorjali tar-RDK ussostni wkoll il-kunflitt armat, l-instabbiltà u l-insigurtà fir-reġjun kif ukoll l-abbużi u ksur serji tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa minn membri tal-moviment tat-23 ta' Marzu/Armata Rivoluzzjonarja Kongoliża (M23/ARC). Minħabba l-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu fit-tieni diviżjoni tal-RDF preżenti fir-RDK, il-Brigadier Pascal Muhizi huwa responsabbli għas-sostenn tal-kunflitt armat, l-instabbiltà u l-insigurtà fir-RDK.	17.3.2025

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
42.	Jean-Bosco NZABONIMPA MUPENZI	Funzjoni/grad: Viċi Kap tad-Dipartiment tal-finanzi u l-produzzjoni tal-M23 Post tat-twelid: Rubaya, Masisi, North Kivu Nazzjonalità: Kongoliża Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Moviment tat-23 ta' Marzu/Armata Rivoluzzjonarja Kongoliża (M23/ARC)	Jean-Bosco Nzabonimpa Mupenzi huwa l-Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Finanzi u l-Produzzjoni tal-Moviment tat-23 ta' Marzu/Armata Rivoluzzjonarja Kongoliża (M23/ARC) li jopera fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK), b'mod aktar speċifiku fil-provinċja ta' North Kivu ta' Fuq, sa minn Jannar 2024. L-M23 huwa grupp armat ribelli responsabbli għall-kunflitt armat attwali. Isostni wkoll il-kunflitt armat, l-instabbiltà u l-insigurtà fir-reġjun kif ukoll l-abbużi u ksur serji tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa minn membri tal-M23, inkluż qtil ta' ċivili u attakki u vjolenza sesswali kontrihom, kif ukoll reklutaġġ ta' tfal. Jean-Bosco Nzabonimpa Mupenzi jappoġġa lill-grupp armat M23, b'mod partikolari billi jmexxi d-Dipartiment tal-Finanzi u l-Produzzjoni tal-M23, kif ukoll billi jieħu sehem fit-taħriġ ta' rekluti ġodda. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fl-M23, Jean-Bosco Nzabonimpa Mupenzi huwa involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Huwa responsabbli wkoll għas-sostenn tal-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK.	17.3.2025
43.	Francis KAMANZI	Funzjoni/grad: Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Rwanda Mines, Petroleum and Gas Board (RMB) Nazzjonalità: Rwandiża Sess: raġel	Francis Kamanzi għandu pożizzjoni ewlenija bħala Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Rwanda Mines, Petroleum and Gas Board (RMB) sa minn Frar 2024. Il-minerali għadhom qed jiġu estratti f'żoni ta' estrazzjoni kkontrollati mill-Moviment tat-23 ta' Maruz (M23) u ttraffikati lejn ir-Rwanda għall-benefiċċju kemm tal-Alleanza Fleuve Congo/M23 kif ukoll tal-ekonomija tar-Rwanda, fejn dawn il-minerali ta' kunflitt jitħalltu mal-produzzjoni tar-Rwanda. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fl-RMB, Francis Kamanzi huwa responsabbli għall-isfruttament tal-kunflitt armat, l-instabbiltà jew l-insigurtà fir-RDK, inkluż permezz tal-isfruttament jew il-kummerċ illeċitu ta' riżorsi naturali.	17.3.2025

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
44.	Joseph MUSANGA BAHATI	magħruf ukoll bħala 'Erasto'; 'Bahati Erasto'; 'Colonel Erasto'; 'Colonel Bahati Musanga' Funzjoni/grad: Gvernatur ta' North Kivu Data tat-twelid: 18.8.1978 Post tat-twelid: Bashali-Mokoto (Busumba) Nazzjonalità: Kongoliża Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Moviment tat-23 ta' Marzu/Alliance Fleuve Congo (M23/AFC)	Joseph Bahati Musanga huwa persuna importanti fl-istruttura tal-grupp ribelli tat-23 ta' Marzu (M23) u fl-Alliance Fleuve Congo. Kellu l-pożizzjoni ta' Kap tal-Finanzi tal-M23 għal diversi snin. F'Jannar 2024 huwa nħatar gvernatur ta' North Kivu bħala parti mill-'amministrazzjoni' illegali ġdida imposta mill-M23, bi ksur tas-sovranità Kongoliża. L-istabbiliment ta' amministrazzjoni parallela fir-RDK jikkostitwixxi ksur tal-integrità territorjali tar-RDK. Isostni wkoll il-kunflitt armat, l-instabbiltà u l-insigurtà fir-reġjun kif ukoll l-abbużi u ksur serji tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa minn membri tal-M23. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fl-M23, Joseph Bahati Musanga huwa involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Huwa responsabbli wkoll għas-sostenn tal-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK.	17.3.2025";

(2) L-entità li ġejja tiżdied mat-Taqsima B ("Entitajiet"):

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"2.	Gasabo Gold Refinery	Post ta' stabbiliment: Kigali, Rwanda	Gasabo Gold Refinery, ibbażata f'Kigali, bdiet l-attivitajiet ta' rfinar tagħha fl-1 ta' Ġunju 2022 wara l-għeluq ta' Aldango Gold Refinery. L-estrazzjoni u t-traffikar illegali ta' riżorsi naturali mil-Lvant tar-RDK, bħad-deheb, jikkontribwixxi għall-eskalazzjoni tal-kunflitt. It-tranżitu tad-deheb mill-unika raffinerija tad-deheb fl-Irwanda, Gasabo Gold Refinery, jikkontribwixxi għall-esportazzjoni illeċita mill-Irwanda ta' deheb estratt illegalment. Għaldaqstant, Gasabo Gold Refinery qed tisfrutta l-kunflitt armat, l-instabbiltà jew l-insigurtà fir-RDK, inkluż permezz tal-isfruttament jew il-kummerċ illeċitu ta' riżorsi naturali.	17.3.2025".